FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 6**

**Avviz. numru 1846/99JR**

**Antonio Galea**

**vs**

**Lawrence Ciarlo' u b'digriet tat-12 ta' Jannar 2001, gie kjamat fil-kawza Roswall Bugeja**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Novembru, 1999, fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsa u hamsin lira Maltija (Lm155.00), rapprezentanti danni konsegwenza ta' kollizzjoni meta l-konvenut dahal fuq il-karozza ta' l-attur li kien ipparkjat, f'Main Street, Mgarr u kkawzalu hsarat fl-ammont ta' mija u hamsa u hamsin lira Maltija (Lm155).**

**Ra r-risposta tal-konvenut Lawrence Ciarlo'ipprezentata fid-19 ta' Dicembru, 2000**

**fejn eccepixxa:**

**Illi huwa ma jahtix ghall-incident stradali riferit fit-talba ta' l-attur.**

**Ra l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut fis-seduta tat-12 ta' Jannar, 2001 li fiha qal li ghall-incident in kwistjoni kien hemm involut ukoll Roswall Bugeja.**

**Ra d-digriet tat-12 ta' Jannar 2001 li bih it-Tribunal ordna li jigi kjamat fil-kawza Roswall Bugeja.**

**Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza Roswall Bugeja ipprezentata fit-13 ta' Frar, 2001 fejn eccepixxa:**

**Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-kjamat fil-kawza Roswall Bugeja ma hu bl-ebda mod responsabbli ghall-incident in kwistjoni.**

**Semgha x-xhieda ta' Antonio Galea, PS 1381 Michael Camilleri, Lawrence Ciarlo', Roswall Bugeja.**

**Ra n-nota pprezentata mill-attur fis-6 ta' April, 2001 li biha rriduca l-ammont preciz fit-talba ghal mija u tletin lira Maltin (Lm130.00) u dan in vista ta' ricevuta annessa man-nota.**

Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li grat fl-4 t'April, 1999, f'Main Street, Mgarr, bejn il-vettura ta' l-attur numru ta' registrazzjoni CBA-285 li kienet parkeggjata fl-imsemmija triq, il-landrover tal-konvenut numru ta' registrazzjoni HOR-515 li kien ghaddej fl-imsemmija triq, u l-vettura tal-kjamat in kawza, numru ta' registrazzjoni IAO-535 li kien hiereg minn Curat Chetcuti Street ghall-go Main Street.

2. L-attur kien parkeggjat f'Main Street, Mgarr, fuq ix-xellug tat-triq, in parti faccata tal-fetha li minn Triq Curat Chetcuti tferra ghall-Main Street. Jirrizulta li llum fil-post fejn kien parkeggjat l-attur hemm linji doppji sofor, pero` fiz-zmien ta' l-incident dawn ma kienux hemm, u dana hu konfermat mis-Surgent tal-Pulizija PS1381 Michael Camilleri. Lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi sinjal li l-attur ma setghax jipparkja hemmhekk. Qabel ma sehh l-incident kien hemm vetturi ohra parkeggjati quddiem l-attur, pero` dawna telqghu wara l-habta.
3. Jirrizulta li l-konvenut kien gej isuq il-landrover f'Main Street, Mgarr, gej mid-direzzjoni tal-Gnejna.

4. Skond ma xehed l-istess konvenut: "Harigli l-Peugeot minn "side-street" u hsadt il-brake." Jghid li lill-konvenut rah fl-ahhar minuta. Jghid li habat

**mal-kjamat in kawza u mmolla ghall-fuq l-attur.**

5. **Bhala konsegwenza tal-kollizzjoni l-attur garrab danni fuq l-mudguard u l-bieba ta' wara tan-naha tal-lemin. Il-konvenut kellu danni quddiem fuq il-mudguard u l-bonnet, grill, headlamp u bumper fuq iz-zewg nahat. Il-kjamat in kawza kellu danni fuq il-mudguard, grill u headlamp tal-lemin ta' quddiem.**

6. **Jigi rilevat li l-konvenut ma qabilx ma' l-isketch tal-Pulizija, u jghid li t-triq hi aktar wiesgha milli indikat. Il-konvenut innota wkoll li filwaqt li l-isketch jindika li kellu brake marks twal 5 metri, ir-rapport tal-Pulizija jsemmi 6.6 metri. Il-konvenut mmarka b'"X" fuq id-Dok.LC1 l-post fejn kien ipparkjat l-attur. It-tribunal innota fir-rigward li l-isketch ma kienx "to scale".**

7. **Issa filwaqt li l-konvenut jghid li qabel ma wiehed johrog minn Triq Curat Chetcuti, hemm "stop sign", il-kjamat in kawza jghid li ma kienx hemm tali sinjal, pero` kien hemm mera faccata tas-"side-street". Fil-fatt lanqas ma hemm indikazzjoni ta' tali sinjal fl-isketch.**

8. **It-Tribunal ikkonstata li Main Street hija "two way" u fil-fatt jirrizulta li hi triq principali, filwaqt li Triq Curat Chetcuti hija side-street. Ghalkemm ma giex stabbilit b'certezza jekk fiz-zmien ta' l-incident kienx hemm stop sign qabel ma wiehed johrog ghal go Main Street, ghalkemm hu ferm probabbli li ma**

**kien hemm, gie stabbilit pero` li kien hemm mera fl-istess Main Street faccata ta' Curat Chetcuti Street.**

**9. It-Tribunal qed jikkonkludi li tali il-mera kienet hemm principalment ghat-traffiku li gej minn Curat Chetcuti Street, sabiex it-traffiku li jkun ser johrog minn dik it-Triq jkun jista' jaghmel dik il-manovra minghajr perikolu ghat-traffiku li jkun ghaddej fit-triq principali.**

**10. Jirrizulta wkoll li qabel ma beda jisporgi ghal got-triq principali, il-kjamat in kawza kien miexi bil-mod hafna, kif jghid hu, kwazi wieqaf. Jirrizulta mill-brake marks li halla, u mill-impatt ta' wara li l-konvenut kien gej b'certa velocita` tenut kont tal-lokalita`, kif ukoll li kien ser jissorpassa il-karrozza parkeggjata, u li biex jaghmel hekk kien ser ikollu jersaq aktar lejn in-naha tal-lemin. Huwa evidenti li l-velocita li biha kien ghaddej il-konvenut, ma ppermettitlux li jibbrejkja fil-hin. Mil-lat l-iehor m'hemmx dubbju li l-kjamat in kawza setgha bejn jara fil-mera lill-konvenut gej u messu waqaf qabel ma beda jisporgi ghal got-triq principali. Ma hemmx dubbju wkoll li l-fatt li l-kjamat in kawza beda jisporgi ghal got-triq principali hasad lill-konvenut.**

**11. Ghalhekk tenut kont ta' dak kollu li ntqal, jirrizulta li l-konvenut kien ghaddej xi ftit imharrek tenut kont tal-vejikolu li kien qed isuq u tal-lokalita` apparti li kien qed jaffettwa surpass proprju faccata ta' fejn hemm Triq Curat Chetcuti, filwaqt li l-kjamat in kawza ghandu daqstant responsabbilita**

**in kwantu ma waqafx qabel ma hareg ghal go triq principali, u esplora, kif seta' bejn jaghmel billi jhares fil-mera ta' faccata, biex jara jekk kienx gej traffiku fit-Triq Principali. It-Tribunal iqies li l-konvenut u l-kjamat in kawza ghandhom tort fi grad ugwali ghall-eventwali kollizzjoni li sehhet.**

**12. Jirrizulta li d-danni li garrab l-attur kienu jammontaw ghall-mija u tletin lira Matija (Lm130.00). Fuq dan l-ammont kif ridott ma kienx hemm kontestazzjoni.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kienu jahtu l-konvenut u l-kjamat in kawza fi gradi ugwali, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut u lill-kjamat in kawza jhallsu lill-attur l-ammont ta' hamsa u sittin lira Maltija (Lm65.00) kull wiehed.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati fi gradi ugwali bejn il-konvenut u l-kjamat in kawza.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**